**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 200377** **03.03.2020**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati qiegħed jippubblika l-kontenut ta' ittra li s-Sedja bagħtet bi tweġiba għal talba li saret mill-Kap tal-Oppożizzjoni fir-rigward tas-sospensjoni tal-aġenda tas-Seduta Parlamentari tat-3 ta' Marzu 2020.

"3 ta' Marzu 2020

Adrian Delia
Kap tal-Oppożizzjoni

B'referenza għall-ittra li rċevejt mingħandek illum, is-Sedja hija informata li ntlaħaq ftehim li fis-seduta tal-lejla, minnufih wara l-konferma tal-minuti, il-Kamra se tgħaddi mill-ewwel għat-tqegħid tal-karti bil-ħin tal-mistoqsijiet ma jitteħidx u jsiru biss stqarrijiet mill-Prim Ministru u mill-Kap tal-Oppożizzjoni f'ordni li jiġi verbalizzat fil-bidu tas-Seduta.

Minnufih wara, il-Kamra se tiġi aġġornata b'sinjal ta' rispett għas-Sinjura Miriam Pace li tilfet ħajjitha fit-traġedja li seħħet ilbieraħ 2 ta' Marzu 2020.

Inselli għalik,

Anġlu Farrugia
Speaker"



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**